# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 150

Volum 58

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

17 ta' Ġunju 2015


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/923 tal-11 ta' Marzu 2015 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 241/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-Rekwiżiti tal-Fondi Proprji għall-istituzzjonijiet** ([1]) ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/924 tat-8 ta' Ġunju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 321/2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea** ([1]) 10

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/925 tas-16 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 17


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/926 tas-16 ta' Marzu 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013–2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata** ..... 19

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/927 tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) u li tħassar id-Deċiżjoni EUSEC/1/2012 (EUSEC/1/2015)** ..... 21


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/928 tal-15 ta' Ġunju 2015 li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għal-Litwanja** ........ 23

---

## Rettifika

★ **Rettifika tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE** (ĠU L 127, 29.4.2014) ........ 24

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/923

**tal-11 ta' Marzu 2015**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 241/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-Rekwiżiti tal-Fondi Proprji għall-istituzzjonijiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikulari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 36(2) u t-tielet subparagrafu ta' 73(7) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 84(4) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti tal-fondi proprji fl-Unjoni, huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm approċċ uniformi rigward it-tnaqqis mill-fondi proprji ta' affarijiet ta' parteċipazzjonijiet indiretti u sintetiċi fi strumenti ta' fondi proprji tal-istituzzjonijiet u parteċipazzjonijiet indiretti u sintetiċi f'entitajiet tas-settur finanzjarju.

(2) Peress li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 diġà jipprovdi regoli għal parteċipazzjonijiet diretti fi strumenti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni nnifisha u parteċipazzjonijiet diretti tal-istrumenti ta' fondi proprji ta' entitajiet oħra fis-settur finanzjarju, regoli ġodda għandhom jiġu stabbiliti għat-tnaqqis mill-fondi proprji ta' parteċipazzjonijiet mill-isituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' parteċipazzjonijiet sintetiċi u indiretti ta' tali strumenti mill-istituzzjoni nnifisha jew f'tali strumenti ta' entitajiet oħra fis-settur finanzjarju.

(3) It-trattament ta' parteċipazzjonijiet indiretti li jirriżultaw minn parteċipazzjonijiet ta' indiċi huwa kopert mill-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mill-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 ([2]). Madankollu, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 241/2014 ma jkoprix parteċipazzjonijiet indiretti u sintetiċi li jqumu fil-kuntest ta' punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1), punti (a), (c), (d) u (f) tal-Artikolu 56, u l-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ġodda dwar it-trattament ta' parteċipazzjonijiet indiretti u sintetiċi msemmija f'dawk il-punti.

(4) Fejn l-affidabbiltà kreditizja tal-istituzzjoni stess issuq ir-rati stabbiliti bl-indiċi tas-suq li huma wkoll użati bħala referenza għar-remunerazzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 u l-Grad 2 Addizzjonali tal-istituzzjoni, jinqala' tħassib prudenzjali marbut mal-korrelazzjoni bejn id-distribuzzjonijiet tal-istrument u l-affidabbiltà kreditizja tal-istituzzjoni. In-numru u d-diversità tal-istituzzjonijiet fil-bord għandu jkun għoli biżżejjed li jirrifletti b'mod

---

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-Rekwiżiti tal-Fondi Proprji għall-istituzzjonijiet (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 8).

xieraq l-attivitajiet fis-suq relatat. Għalhekk, jekk istituzzjoni toħroġ strument tal-Grad 1 u tal-Grad 2 addizzjonali b'rata varjabbli, ir-rata li hi tħallas fuq dak l-istrument m'għandhiex tiżdied meta l-affidabbiltà kreditizja tal-istituzzjoni tonqos. Għalhekk, fejn ir-rata hi marbuta ma' indiċi, l-indiċi għandu jkun "wiesa'" biżżejjed biex jiżgura li l-affidabbiltà kreditizja tal-istituzzjoni ma tkunx fattur ewlieni li jinfluwenza r-rati stabbiliti minn dak l-indiċi. Għandha ssir distinzjoni bejn korrelazzjoni dovuta għas-settur kollu kemm hu li qed iġarrab stress u jaffettwa r-rata normattiva, u l-korrelazzjoni minħabba l-affidabbiltà kreditizja ta' istituzzjoni waħda li taffettwa r-rata normattiva.

(5) Il-kalkolu ta' interessi minoritarji fil-livell konsolidat u fil-livell subkonsolidat għandu jkun konsistenti. Għalhekk, l-interessi minoritarji eliġibbli ta' sussidjarja li hi nnifisha hija impriża prinċipali ta' entità tas-settur finanzjarju għandu jkun l-ammont li jirriżulta, għall-istituzzjoni prinċipali ta' dik is-sussidjarja, meta l-istituzzjoni prinċipali tapplika l-konsolidazzjoni prudenzjali msemmija fit-Titolu II ta' Parti Wieħed tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(6) Minħabba n-natura simili tat-tnaqqis kopert mill-Artikoli 84, 85 u 87 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istess dispożizzjonijiet għall-kalkolu ta' interessi minoritarji eliġibbli għandhom japplikaw għal dawn il-każijiet kollha.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni.

(8) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati Bankarji stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(9) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014 għandu jkun emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 241/2014 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, qed jiżdiedu l-punti (o) u (p) li ġejjin:

"(o) il-kondizzjonijiet skont liema l-indiċi għandhom jitqiesu bħala li jikkwalifikaw bħala indiċi wiesgħa tas-suq, skont l-Artikolu 73(7) tar- Regolament (UE) Nru 575/2013;

(p) il-kalkolu tas-subkonsolidat meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 84(2) u l-Artikoli 85 u 87 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, skont l- Artikolu 84(4) ta' dak ir-Regolament.".

2. Jiddaħħlu l-Artikoli segwenti 15a sa 15j:

"*Artikolu 15a*

**Parteċipazzjonijiet indiretti għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(f), (h) u (i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 15c, 15d, 15e u 15i ta' dan ir-Regolament, 'entità intermedja' kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(114) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tikkonsisti minn waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin li jkollhom strumenti kapitali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju:

(a) impenn għal investiment kollettiv;

(b) fond tal-pensjoni minbarra fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(c) fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti, fejn l-istituzzjoni qiegħda tappoġġa r-riskju tal-investiment u fejn il-fond tal-pensjoni b'benefiċċju definit mhuwiex indipendenti mill-istituzzjoni sponsor tiegħu;

(d) l-entitajiet li huma direttament jew indirettament taħt il-kontroll jew taħt influwenza sinifikanti ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(1) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(2) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji ta' dik l-impriża prinċipali;

(3) il-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji ta' dik il-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali;

(4) il-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali ta' attività mħallta tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji ta' dik il-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali ta' attività mħallta;

(5) il-kumpanija prinċipali azzjonarja finanzjarja mħallta jew is-sussidjarji ta' dik il-kumpanija prinċipali azzjonarja finanzjarja mħallta;

(e) l-entitajiet li huma flimkien, direttament jew indirettament, taħt il-kontroll jew taħt influwenza sinifikanti ta' istituzzjoni waħda, diversi istituzzjonijiet, jew netwerk tal-istituzzjonijiet, li jkunu membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali, jew fl-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali jew in-netwerk tal-istituzzjonijiet affiljati ma' korp ċentrali li mhumiex organizzati bħala grupp li għalih tappartjeni l-istituzzjoni;

(f) l-entitajiet bi skop speċjali;

(g) l-entitajiet li l-attività tagħhom hija li jżommu strumenti finanzjarji ta' entitajiet tas-settur finanzjarju;

(h) kwalunkwe entità li l-awtorità kompetenti tikkunsidra li tintuża bl-intenzjoni li jiġu evitati r-regoli li jirrigwardaw it-tnaqqis ta' parteċipazzjonijiet indiretti u sintetiċi.

2. Mingħajr ħsara għall-punt (h) tal-paragrafu 1, 'entità intermedjarja' kif imsemmi fl- Artikolu 4(1)(114) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma tinkludix:

(a) kumpanija azzjonarja ta' attività mħallta, istituzzjonijiet, impriżi tal-assigurazzjoni, impriżi tar-riassigurazzjoni;

(b) l-entitajiet li huma, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, suġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE;

(c) l-entitajiet tas-settur finanzjarju għajr dawk imsemmija fil-punt (a), li huma sorveljati u meħtieġa li jnaqqsu parteċipazzjonijiet diretti u indiretti ta' strumenti kapitali proprja tagħhom u parteċipazzjonijiet fi strumenti kapitali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju mill-kapital regolatorju tagħhom.

3. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti jitqies li jkun indipendenti mill-istituzzjoni sponsor tiegħu fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti huwa legalment separat mill-istituzzjoni sponsor u l-governanza tiegħu hija indipendenti;

(b) l-istatuti, l-istrumenti ta' inkorporazzjoni u r-regoli interni speċifiċi tal-fond tal-pensjoni, kif applikabbli, ikunu ġew approvati minn regolatur indipendenti; jew ir-regoli li jirregolaw l-inkorporazzjoni u l-funzjonament tal-fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti, kif applikabbli, huma stabbiliti fid-dritt nazzjonali applikabbli tal-Istat Membru rilevanti;

(c) il-fiduċjarji jew l-amministraturi tal-fond tal-pensjoni definit għandhom l-obbligu skont id-dritt nazzjonali applikabbli li jaġixxu b'mod imparzjali fl-aħjar interessi tal-benefiċjarji tal-iskema minflok dawk tal-isponsor, biex jimmaniġġjaw b'mod prudenti l-assi tal-fond tal-pensjoni definit u li jikkonformaw mar-restrizzjonijiet stabbiliti fl-istatuti, l-istrumenti ta' inkorporazzjoni u r-regoli interni tal-fond speċifiku tal-pensjoni kif applikabbli, jew il-qafas statutorju jew regolatorju deskritt fil-punt (b);

(d) l-istatuti jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni jew ir-regoli li jirregolaw l-inkorporazzjoni u l-funzjonament tal-fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti msemmijin fil-punt (b) jinkludu restrizzjonijiet fuq l-investimenti li l-iskema tal-pensjoni definita tista' tagħmel fi strumenti ta' fondi proprji maħruġa mill-istituzzjoni sponsor.

4. Meta l-fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jkollu strumenti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni sponsor, l-istituzzjoni sponsor tittratta dik l-azjenda bħala parteċipazzjoni indiretta ta' strumenti ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni, strumenti proprji Addizzjonali tal-Grad 1 jew strumenti proprji ta' Grad 2, kif applikabbli. L-ammont li jrid jitnaqqas mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, tal-Grad 1 Addizzjonali jew tal-Grad 2, kif applikabbli, tal-istituzzjoni sponsor, jiġu kkalkulati skont l-Artikolu 15c.

*Artikolu 15b*

**Parteċipazzjonijiet sintetiċi għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(f), (h) u (i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

1. Il-prodotti finanzjarju li ġejjin għadhom jitqiesu bħal parteċipazzjonijiet sintetiċi ta' strumenti kapitali skont il-punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:

(a) strumenti derivattivi li jkollhom strumenti kapitali ta' entità tas-settur finanzjarju bħala bażi tagħhom jew li l-entità tas-settur finanzjarju tkun l-entità ta' referenza tagħhom;

(b) garanziji jew protezzjoni tal-kreditu pprovduta lil parti terza fir-rigward tal-investimenti tal-parti terza bi strument kapitali ta' entità fis-settur finanzjarju.

2. Il-prodotti finanzjarji previsti fil-paragrafu 1 jinkludu dan li ġej:

(a) investimenti fi swaps tar-redditu totali fuq strument kapitali ta' entità fis-settur finanzjarju;

(b) opzjonijiet eżerċitabbli mixtrija minn istituzzjoni jew strument kapitali ta' entità fis-settur finanzjarju;

(c) opzjonijiet put mibjugħa mill-istituzzjoni fuq strument kapitali ta' entità fis-settur finanzjarju jew kwalunkwe obbligu kuntrattwali attwali jew kontinġenti tal-istituzzjoni li tixtri l-istrumenti ta' fondi propjri;

(d) investimenti fi ftehimiet ta' xiri ta' forwards fuq strument kapitali ta' entità fis-settur finanzjarju.

*Artikolu 15c*

**Kalkolu ta' parteċipazzjonijiet indiretti għall-finijiet tal-punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

L-ammont ta' parteċipazzjonijiet indiretti li għandu jitnaqqas minn Grad 1 ta' Ekwità Komuni kif rikjest f'punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi kkalkulat b'wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) skont l-approċċ standard stabbilit fl-Artikolu 15d;

(b) fejn l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti li l-approċċ deskritt fl-Artikolu 15d huwa ta' piż eċċessiv, skont l-approċċ deskritt ibbażat fuq struttura fl-Artikolu 15e. L-approċċ deskritt ibbażat fuq struttura fl-Artikolu 15e ma jintużax minn istituzzjonijiet biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' dan it-tnaqqis f'dak li għandu x'jaqsam ma' investimenti f'entitajiet intermedji msemmija fl-Artikolu 15a(1)(d) u (e).

*Artikolu 15d*

**Approċċ standard għall-kalkolu ta' parteċipazzjonijiet indiretti għall-finijiet tal-punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

1. L-ammont ta' parteċipazzjonijiet indiretti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni li għandu jitnaqqas kif rikjest minn punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi kkalkulat b'wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) fejn l-iskoperturi tal-investituri kollha lill-entità intermedja jitqiesu pari passu, l-ammont ikun ugwali għall-perċentwal ta' finanzjament immultiplikat bl-ammont tal-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-entità tas-settur finanzjarju miżmuma mill-entità intermedja;

(b) fejn l-iskoperturi tal-investituri kollha lill-entità intermedja ma jitqisux pari passu, l-ammont ikun ugwali għall-perċentwal ta' finanzjament immultiplikat b'dak li jiġi l-inqas bejn l-ammonti li ġejjin

(i) l-ammont tal-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-entità tas-settur finazjarju miżmum minn entità intermedja;

(ii) l-iskopertura tal-istituzzjoni għall-entità intermedja, flimkien mal-finanzjament l-ieħor kollu pprovdut għal din l-entità intermedja li jitqiesu pari passu mal-iskopertura tal-istituzzjoni.

2. Il-metodu tal-kalkolu stipulat fil-punt (b) tal-paragrafu 1 isir għal kull porzjon ta' finanzjament li jitqies pari passu mal-fondi mogħtija mill-istituzzjoni.

3. Il-perċentwal ta' finanzjament għall-finijiet tal-paragrafu 1 ikun l-iskopertura tal-istituzzjoni lill-entità intermedja diviż bis-somma tal-iskopertura tal-istituzzjoni għall-entità intermedja u tal-iskoperturi l-oħra kollha għal din l-entità intermedja li jitqiesu pari passu mal-iskopertura tal-istituzzjoni.

4. Il-kalkolu stabbilit fil-paragrafu 1 isir b'mod separat għal kull parteċipazzjoni fl-entità tas-settur finanzjarju miżmuma minn kull entità intermedja.

5. Fejn investimenti fi strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' entità fis-settur finanzjarju jkunu miżmuma indirettament permezz ta' entitajiet intermedji sussegwenti jew diversi, il-perċenwal tal-finanzjament stipulat fil-paragrafu 1 ikun determinat billi jiġi diviż l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammonti ta' finanzjament ipprovduti mill-istituzzjoni għall-entitajiet intermedji, bl-ammonti ta' finanzjament ipprovduti minn dawn l-entitajiet intermedji għal entitajiet intermedji sussegwenti, u bl-ammonti ta' finanzjament ipprovdut minn dawn l-entitajiet intermedji sussegwenti lill-entità tas-settur finanzjarju.

(b) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammonti ta' strumenti kapitali jew strumenti oħra kif rilevanti, maħruġa minn kull entità intermedja

6. Il-persentaġġ tal-finanzjament imsemmi fil-paragrafu 5 jkun ikkalkulat separatament għal kull parteċipazzjoni f'entità tas-settur finanzjarju u miżmuma minn entitajiet intermedji għal kull porzjon ta' finanzjament li jitqies pari passu ma' fondi pprovduti mill-istituzzjoni u l-entitajiet intermedjarji sussegwenti.

*Artikolu 15e*

**Approċċ standard għall-kalkolu ta' parteċipazzjonijiet indiretti għall-finijiet tal-punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

1. L-ammont li għandu jitnaqqas mill-elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikun ugwali għall-perċentwal ta' finanzjament, kif definit fl-Artikolu 15d(3) ta' dan ir-Regolament immultiplikat bl-ammont ta' strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni miżmuma mill-entità intermedja.

2. L-ammont li għandu jitnaqqas mill-elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni msemmija fil-punti (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikun ugwali għall-perċentwal ta' finanzjament, kif definit fl-Artikolu 15d(3) immultiplikat bl-ammont aggregat ta' strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-entitajiet tas-settur finanzjarju miżmuma mill-entità intermedja.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjoni tikkalkula separatament l-ammont aggregat għal kull entità intermedja tal-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni li l-entità intermedja għandha u l-ammont aggregat tal-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' entitajiet oħra tas-settur finazjarju miżmuma mill-entità intermedja.

4. L-istituzzjoni tikkunsidra l-ammont tal-parteċipazzjonijiet fi strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-entitajiet tas-settur finanzjarju kkalkulat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu bħala investiment sinifikanti msemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tnaqqas l-ammont skont il-punt (i) tal-Artikolu 36(1) ta' dak ir-Regolament.

5. Fejn investimenti fi strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni jkunu miżmuma indirettament permezz ta' entitajiet intermedji sussegwenti jew diversi, il-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 15d japplikaw.

6. Fejn istituzzjoni ma tkunx kapaċi tidentifika l-ammonti aggregati li l-entità intermedja iżżomm fi strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni jew fi strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' entitajiet oħra fis-settur finanzjarju, l-istituzzjoni tistma l-ammonti li ma tkunx tista' tidentifika billi tuża l-ammonti massimi li l-entità intermedja hi kapaċi żomm fuq il-bażi tal-mandati tal-investiment tagħha.

7. Fejn l-istituzzjoni ma tkunx kapaċi tiddetermina, abbażi tal-mandat tal-investiment, l-ammont massimu li l-entità intermedja għandha fl-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni jew fi strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' entitajiet fis-settur finanzjarju, l-istituzzjoni tittratta l-ammont ta' finanzjament li għandha fl-entità intermedja bħala investiment fl-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha stess u tnaqqashom skont il-punt (f) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

8. B'deroga mill-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjoni tittratta l-ammont ta' finanzjament li żżomm fl-entità intermedja bħala investiment mhux sinifikanti u tnaqqashom skont il-punt (h) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-ammonti ta' finanzjament huma inqas minn 0,25 % tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni;

(b) l-ammonti ta' finanzjament huma inqas minn EUR 10 miljuni.

(c) l-istituzzjoni ma tistax raġonevolment tiddetermina l-ammonti tal-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha li żżomm l-entità intermedja.

9. Fejn il-finanzjament tal-entità intermedja jkun fil-forma ta' unitajiet jew ishma ta' CIU, l-istituzzjoni tista' tistrieħ fuq partijiet terzi identifikati fl-Artikolu 132(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dak l-Artikolu, li tikkalkula u tirrapporta l-ammonti aggregati msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 15f*

**Il-kalkolu ta' parteċipazzjonijiet sintetiċi għall-finijiet tal-punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36 (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

1. L-ammont ta' parteċipazzjonijiet sintetiċi li għandu jitnaqqas minn Grad 1 ta' Ekwità Komuni kif rikjest minn punti (f), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikun kif ġej:

(a) għal parteċipazzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar:

(i) għal opzjonijiet, l-ammont ekwivalenti delta tal-istrumenti rilevanti kkalkulati skont it-Titolu IV tal-Parti III tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) għal xi parteċipazzjonijiet sintetiċi oħrajn, l-ammont nominali jew l-ammont nozzjonali, kif applikabbli.

(b) għal parteċipazzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar:

(i) għal opzjonijiet ta' eżerċizzju, il-valur tas-suq kurrenti;

(ii) għal xi parteċipazzjonijiet sintetiċi oħrajn, l-ammont nominali jew l-ammont nozzjonali, kif applikabbli.

2. Istituzzjoni għandha tnaqqas il-parteċipazzjonijiet sintetiċi msemmija fil-paragrafu 1 mid-data tal-firma tal-kuntratt bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti.

*Artikolu 15g*

**Kalkolu ta' investimenti sinifikanti għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, sabiex jiġi vvalutat jekk l-istituzzjoni jkollhiex sjieda ta' aktar minn 10 % tal-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni maħruġa minn entità fis-settur finanzjarju, skont il-punt (a) tal-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet jgħoddu l-ammonti ta' pożizzjonijiet twal grossi tagħhom f'parteċipazzjonijiet diretti, kif ukoll parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' din l-entità tas-settur finanzjarju msemmija fil-punti (d) u (h) tal-Artikolu 15a(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Parteċipazzjonijiet indiretti u sintetiċi jiġu kkunsidrati mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma ssodisfati.

*Artikolu 15h*

**Parteċipazzjonijiet ta' Grad 1 u ta' Grad 2 Addizzjonali**

Il-metodoloġija msemmija fl-Artikoli 15a sa 15f ta' dan ir-Regolament tapplika mutatis mutandis għal parteċipazzjonijiet ta' Grad 1 Addizzjonali għall-finijiet tal-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għal parteċipazzjonijiet ta' Grad 2 għall-finijiet tal-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 66 ta' dak ir-Regolament, fejn referenzi għal Grad 1 ta' Ekwità Komuni jinqraw bħala referenzi għal Grad 1 jew Grad 2 Addizzjonali kif applikabbli.

*Artikolu 15i*

**L-ordni u l-ammont massimu ta' tnaqqis ta' parteċipazzjonijiet indiretti ta' strumenti ta' fondi proprji ta' entitajiet tas-settur finanzjarju**

1. Suġġett għal-limiti stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 3, kif applikabbli, fejn l-entità intermedja jkollha strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, strumenti tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju, l-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni jitnaqqsu l-ewwel, strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali jiġu mnaqqsa t-tieni, u l-aħħar jitnaqqsu l-istrumenti ta' Grad 2.

2. Fejn l-entità intermedja jkollha strumenti ta' fondi proprji ta' istituzzjonijiet, fl-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu għal kull tip ta' parteċipazzjoni l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-parteċipazzjonijiet ta' strumenti ta' fondi proprji tagħhom stess l-ewwel.

3. Meta istituzzjoni jkollha strumenti kapitali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju indirettament, l-ammont li għandu jitnaqqas mill-fondi proprji tal-istituzzjoni m'għandux ikun ogħla mill-ammont l-aktar baxx tal-ammonti li ġejjin:

(a) il-finanzjament totali pprovdut mill-istituzzjoni lill-entità intermedja;

(b) l-ammont tal-istrumenti tal-fondi proprji miżmuma mill-entità intermedja fl-entità tas-settur finanzjarju.

*Artikolu 15j*

**Avvjament**

Għall-applikazzjoni tat-tnaqqis imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li ma jidentifikawx avvjament separatament meta jiġi ddeterminat l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas skont l-Artikolu 46 ta' dak ir-Regolament."

3. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

*"Artikolu 24a*

**Distribuzzjoni fuq strument ta' fondi proprji — indiċijiet ta' suq wiesa'**

1. Indiċi ta' rata ta' mgħax jitqies li jkun indiċi ta' suq wiesa' jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huwa użat biex jiġu ffissati rati ta' self interbankarju f'munita waħda jew aktar;

(b) jintuża bħala rata ta' referenza għal dejn b'rata varjabbli maħruġ mill-istituzzjoni fl-istess munita, fejn applikabbli;

(c) huwa kkalkulat bħala rata medja minn korp indipendenti tal-istituzzjonijiet li qed jikkontribwixxu għall-indiċi ('il-bord');

(d) kull waħda mir-rati stabbiliti taħt l-indiċi hija bbażata fuq kwotazzjonijiet sottomessi minn bord ta' istituzzjonijiet attiv f'dak is-suq interbankarju;

(e) Il-kompożizzjoni tal-bord imsemmi fil-punt (c) tiżgura livell suffiċjenti ta' rappreżentanza tal-istituzzjonijiet preżenti fl-Istat Membru.

2. Għall-finijiet tal-punt (e) tal-paragrafu 1, livell suffiċjenti ta' rappreżentanza jitqies bħala miksub f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn il-bord imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jinkludi mill-inqas 6 kontributuri differenti qabel kwalunkwe skontar ta' kwotazzjoni jiġi applikat għall-għanijiet tal-iffissar tar-rata;

(b) fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-bord imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jinkludi mill-inqas 4 kontributuri differenti qabel kwalunkwe skontar ta' kwotazzjoni jiġi applikat għall-għanijiet tal-iffissar tar-rata;

(ii) il-kontributuri għall-bord imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jirrappreżentaw mill-inqas 60 % tas-suq relatat.

3. Is-suq relatat imsemmi fil-punt (b)(ii) tal-paragrafu 2 ikun is-somma tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-kontributuri effettivi għall-bord fil-munita domestika diviża bl-għadd tal-assi u l-obbligazzjonijiet fil-munita domestika ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istat Membru rilevanti, inkluż frieghi stabbiliti fl-Istat Membru, u l-fondi tas-swieq tal-flus fl-Istat Membru rilevanti.

4. Indiċi tal-ishma jitqies bħala indiċi ta' suq wiesa' fejn ikun iddiversifikat b'mod xieraq skont l-Artikolu 344 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.".

4. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 34a li ġej:

"*Artikolu 34a*

**Interessi minoritarji inklużi fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. Għall-finijiet tal-ispeċifikar tal-kalkolu tas-subkonsolidament meħtieġ skont l-Artikolu 84(2) u l-Artikoli 85(2) u 87(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-interessi minoritarji li jikkwalifikaw ta' sussidjarja msemmija fl-Artikolu 81 ta' dak ir-Regolament li hija stess tkun impriża prinċipali ta' entità msemmija fl-Artikolu 81(1) ta' dak ir-Regolament jiġu kkalkolati kif deskritt fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Fejn awtorità kompetenti tkun eżerċitat id-diskrezzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu li għandu jsir skont il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu jsir fuq il-bażi tas-sitwazzjoni tal-istituzzjoni daqs li kieku ma ġietx eżerċitata d-diskrezzjoni.

3. Fejn is-sussidjarja tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 abbażi tas-sitwazzjoni kkonsolidata tagħha japplika t-trattament li ġej:

(a) il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' dik is-sussidjarja fuq il-bażi konsolidata tagħha msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 84(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jinkludi interessi minoritarji eliġibbli li jistgħu jirriżultaw mis-sussidjarji tagħha stess ikkalkulati skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) għall-iskop tal-kalkolu tas-subkonsolidazzjoni l-ammont tal-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni meħtieġ skont il-punt (i) tal-Artikolu 84(1)(a) tar-tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikun l-ammont meħtieġ biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' dik is-sussidjarja fil-livell tas-sitwazzjoni kkonsolidata tagħha kkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 84(1) ta' dak ir-Regolament. Rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE huma dawk iffissati mill-awtorità kompetenti tas-sussidjarja;

(c) l-ammont tal-kapital konsolidat tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni rikjest, skont il-punt (ii) tal-Artikolu 84(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikun il-kontribuzzjoni tas-sussidjarja fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni stess tal-istituzzjoni li għaliha l-interessi minoritarji eliġibbli huma kkalkulati fuq bażi konsolidata. Għall-finijiet tal-ikkalkular tal-kontribuzzjoni, it-tranżazzjonijiet kollha fost l-impriżi ta' grupp inklużi f'ambitu ta' konsolidazzjoni prudenzjali tal-istituzzjoni jkunu eliminati.

4. Meta s-sussidjarja tkun qed twettaq il-konsolidazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 3, ma tinkludix rekwiżiti kapitali li joħorġu minn sussidjarji li mhumiex inklużi fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidament tal-istituzzjoni li għaliha l-interessi minoritarji eliġibbli huma kkalkulati.

5. Fejn l-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 84(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tapplika għal sussidjarja, kwalunkwe impriża prinċipali tas-sussidjarja li tibbenefika mill-eżenzjoni tista' tinkludi fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha l-interessi minoritarji li jirriżultaw mis-sussidjarji tas-sussidjarja nnifisha li tibbenefika mill-eżenzjoni, sakemm il-kalkoli msemmija l-Artikolu 84(1) ta' dak ir-Regolament u f'dan ir-Regolament ikunu saru għal kull wieħed minn dawk is-sussidjarji. L-ammont ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni inkluż fil-Fondi Proprji fil-livell tal-impriża prinċipali ma jaqbiżx l-ammont li jista' jiġi inkluż jekk l-ebda rinunzja ma kienet ingħatat lis-sussidjarja.

6. Fejn istituzzjoni prinċipali jkollha sussidjarju intermedja li mhijiex imsemmija fl-Artikolu 81(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fejn din is-sussidjarja intermedja nnifisha għandha sussidjarji li huma msemmija fl-Artikolu 81(1) ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjoni prinċipali tista' tinkludi fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha l-ammont ta' interess minoritarju li jirriżulta minn dawk is-sussidjarji kkalkulat skont l-Artikolu 84(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, l-istituzzjoni prinċipali ma tistax tinkludi fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha kwalunkwe interess minoritarju li jirriżulta minn sussidjarja intermedjarja li mhijiex imsemmija fl- Artikolu 81(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

7. Il-metodoloġija stabbilita fil-paragrafi 2, 3 u 4 għandha tapplika wkoll mutatis mutandis għall-kalkolu tal-ammont ta' strumenti ta' Grad 1 skont l-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-ammont ta' fondi proprji kwalifikattivi skont l-Artikolu 87 ta' dak ir-Regolament, fejn ir-referenzi għall-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jinqraw bħala referenzi għall-Grad 1 jew fondi proprji.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/924

## tat-8 ta' Ġunju 2015

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 321/2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jirrikjedi li l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (l-Aġenzija) tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà (it-TSIs) jiġu adattati għall-progress tekniku, għax-xejriet tas-suq u għall-ħtiġijiet soċjali, u għandha tipproponi lill-Kummissjoni l-emendi għat-TSIs li hija tqis li jkunu meħtieġa.

(2) Fid-Deċiżjoni C(2007)3371 tat-13 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni tat mandat ta' qafas lill-Aġenzija sabiex twettaq ċerti attivitajiet skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE ([3]) u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Skont it-termini tal-mandat ta' qafas, l-Aġenzija ntalbet tirrevedi t-TSI dwar il-vaguni tal-merkanzija stipulata fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 ([5]).

(3) Fil-21 ta' Jannar 2014, l-Aġenzija ħarġet opinjoni dwar "estensjoni tal-marka" GE "fuq il-vaguni" (ERA-ADV-2014-1)

(4) Fil-21 ta' Mejju 2014, l-Aġenzija ħarġet rakkomandazzjoni dwar emendi għat-TSI dwar "valutazzjoni minn korp notifikat ta' blokok tal-brejkijiet komposti" (ERA-REC- 109-2014-REC).

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 321/2013 għandu jiġi emendat.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 321/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) f'dak li għandu x'jaqsam mal-marka 'GE' kif murija fil-punt 5 tal-Appendiċi C tal-Anness, il-vaguni fil-flotta eżistenti li ġew awtorizzati skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2009/107/KE jew bid-Deċiżjoni 2006/861/KE kif emendata bid-Deċiżjonijiet 2009/107/KE u 2012/464/UE, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 7.6.4 tad-Deċiżjoni 2009/107/KE, jistgħu jirċievu din il-marka 'GE' mingħajr l-ebda valutazzjoni addizzjonali minn parti terza jew awtorizzazzjoni ġdida għat-tqegħid fis-servizz. L-użu ta' din il-marka f'vaguni attivi tibqa' taħt ir-responsabbiltà tal-impriżi ferrovjarji."

---

([1]) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6).

([4]) Id-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE (ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1).

(2) Għandhom jiżdiedu l-Artikoli 8a, 8b u 8c li ġejjin:

*"Artikolu 8a*

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 6.3 tal-Anness, ċertifikat KE ta' verifika jista' jinħareġ għal subsistema li fiha komponenti li jikkorrispondu mal-kostitwent tal-interoperabbiltà 'element ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' li ma għandux dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE waqt perjodu ta' tranżizzjoni ta' għaxar snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jekk jiġu sodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-komponent kien manifatturat qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; kif ukoll

(b) il-komponent tal-interoperabbiltà ntuża f'subsistema li kienet ġiet approvata u mqiegħda fis-servizz f'mill-inqas Stat Membru wieħed qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-produzzjoni, l-aġġornament jew it-tiġdid ta' kwalunkwe subsistema bl-użu ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà mhux ċertifikati għandha titlesta, inkluż l-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz tas-subsistema, qabel jiskadi l-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fil-paragrafu 1.

3. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fil-paragrafu 1:

(a) ir-raġunijiet għan-non-ċertifikazzjoni ta' kwalunkwe kostitwent tal-interoperabbiltà għandu jiġi identifikat kif xieraq fil-proċedura ta' verifika msemmija fil-paragrafu 1; kif ukoll

(b) l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom jirrappurtaw fir-rapport annwali tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/49/KE, dwar l-użu ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà mhux ċertifikati 'element ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' fil-kuntest tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni.

*Artikolu 8b*

1. Sakemm jiskadi l-perjodu ta' approvazzjoni attwali tagħhom, il-kostitwenti tal-interoperabbiltà 'element ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' elenkati fl-Appendiċi G tal-Anness ma hemmx għalfejn ikunu koperti minn dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE. Matul dan il-perjodu, 'elementi ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' elenkati fl-Appendiċi G tal-Anness għandhom jitqiesu konformi ma' dan ir-Regolament.

2. Wara li jiskadi l-perjodu ta' approvazzjoni attwali tagħhom, il-kostitwenti tal-interoperabbiltà 'element ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' elenkati fl-Appendiċi G tal-Anness għandhom ikunu koperti minn dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE.

*Artikolu 8c*

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 6.3 tal-Anness, ċertifikat KE ta' verifika jista' jinħareġ għal subsistema li fiha komponenti li jikkorrispondu mal-kostitwent tal-interoperabbiltà 'element ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' li ma għandux dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE waqt perjodu ta' tranżizzjoni ta' għaxar snin wara l-iskadenza tal-perjodu ta' approvazzjoni tal-kostitwent tal-ineroperabbiltà, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-komponent kien manifatturat qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' approvazzjoni tal-komponent tal-interoperabbiltà; kif ukoll

(b) il-komponent tal-interoperabbiltà ntuża f'subsistema li kienet ġiet approvata u mqiegħda fis-servizz f'mill-inqas Stat Membru wieħed qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-produzzjoni, l-aġġornament jew it-tiġdid ta' kwalunkwe subsistema bl-użu ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà mhux ċertifikati għandha titlesta, inkluż l-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz tas-subsistema, qabel ma jiskadi l-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fil-paragrafu 1.

3. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fil-paragrafu 1:

(a) ir-raġunijiet għan-non-ċertifikazzjoni ta' kwalunkwe kostitwent tal-interoperabbiltà għandu jiġi identifikat kif xieraq fil-proċedura ta' verifika msemmija fil-paragrafu 1; kif ukoll

(b) l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom jirrappurtaw fir-rapport annwali tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2004/49/KE, dwar l-użu ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà mhux ċertifikati 'element ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' fil-kuntest tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni."

(3) Għandu jiżdied l-Artikolu 9a li ġej:

"*Artikolu 9a*

Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE jew tad-disinn KE għall-kostitwent tal-interoperabbiltà 'element ta' frizzjoni għal brejkijiet ma' wiċċ ir-rota' għandhom ikunu validi għal 10 snin. Matul dak il-perjodu, kostitwenti ġodda tal-istess tip jistgħu jitqiegħdu fis-suq abbażi ta' dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE li tirreferi għal dan iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE jew tad-disinn KE."

(4) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Aġenzija għandha tippubblika, fuq is-sit tal-Internet tagħha, il-lista ta' blokok tal-brejks komposti approvati b'mod sħiħ imsemmija fl-Appendiċi G tal-Anness, għall-perjodu li fih dawn il-blokok tal-brejkijiet ma jkunux koperti bid-dikjarazzjonijiet KE."

(5) Għandu jiżdied l-Artikolu 10a li ġej:

"*Artikolu 10a*

1. Sabiex inkomplu nlaħħqu mal-progress teknoloġiku, jistgħu jkunu meħtieġa soluzzjonijiet innovattivi li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness u/jew li għalihom ma jistgħux jiġu applikati l-metodi ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness. F'dak il-każ, għandhom jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet ġodda u/jew metodi ġodda ta' valutazzjoni marbutin ma' dawk is-soluzzjonijiet innovattivi.

2. Is-soluzzjonijiet innovattivi jistgħu jkunu relatati mas-subsistema 'vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija', mal-partijiet tagħha u mal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tagħha.

3. Jekk tiġi proposta soluzzjoni innovattiva, il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, stabbilit fl-Unjoni, għandu jiddikjara kif it-tali soluzzjoni tvarja mid-dispożizzjoni rilevanti ta' din it-TSI jew kif din tikkumplimentaha, u għandu jibgħat id-differenzi lill-Kummissjoni għall-analiżi.

4. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni dwar is-soluzzjoni innovattiva proposta. Jekk din l-opinjoni tkun pożittiva, l-ispeċifikazzjonijiet operattivi u tal-interfaċċja x-xierqa u l-metodu ta' valutazzjoni, li jridu jiddaħħlu fit-TSI sabiex din is-soluzzjoni innovattiva tkun tista' tintuża, għandhom jiġu żviluppati u mbagħad integrati fit-TSI matul il-proċess ta' reviżjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/57/KE. Jekk l-opinjoni tkun negattiva, is-soluzzjoni innovattiva proposta ma tistax tiġi applikata.

5. Sa ma tiġi analizzata mill-ġdid it-TSI, l-opinjoni pożittiva mogħtija mill-Kummissjoni għandha titqies bħala mezz ta' konformità aċċettabbli mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2008/57/KE, u għalhekk tista' tintuża għall-valutazzjoni tas-subsistema."

(6) L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 321/2013 hu emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

The Annex to Regulation (EU) No 321/2013 (WAG TSI) is amended as follows:

(1) In Chapter 3 'Essential requirements', the following row is inserted in Table 1 below the row containing the text '4.2.4.3.4' in the cell in the 'Point' column:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| '4.2.4.3.5 | Friction elements for wheel tread brakes | 1.1.1, 1.1.2, 1.1.3, 2.4.1 | | | | 2.4.3' |

(2) Chapter 4 'Characterisation of the subsystem' is amended as follows:

(a) in point 4.2.1, the third subparagraph is deleted;

(b) the following point 4.2.4.3.5 is inserted:

'4.2.4.3.5. *Friction elements for wheel tread brakes*

The friction element for wheel tread brakes (i.e. brake block) generates brake forces by friction when engaged with the wheel tread.

If wheel tread brakes are used the characteristics of the friction element shall contribute reliably to achieving the intended brake performance.

The demonstration of conformity is described in point 6.1.2.5 of this TSI.'

(3) Chapter 5 'Interoperability constituents' is amended as follows:

(a) section 5.2 is replaced by the following:

'5.2. **Innovative solutions**

As stated in Article 10a, innovative solutions may require new specifications and/or new assessment methods. Such specifications and assessment methods shall be developed using the process described in point 6.1.3 whenever an innovative solution is envisaged for an interoperability constituent.';

(b) the following point 5.3.4a is added:

'5.3.4a. *Friction element for wheel tread brakes*

The friction element for wheel tread brakes shall be designed and assessed for an area of use defined by:

— dynamic friction coefficients and their tolerance bands,

— minimum static friction coefficient,

— maximum permitted brake forces applied on the element,

— suitability for train detection by systems based on track circuits,

— suitability for severe environmental conditions.

A friction element for wheel tread brakes shall comply with the requirements defined in point 4.2.4.3.5. These requirements shall be assessed at IC level.'

(4) Chapter 6 'Conformity assessment and EC verification' is amended as follows:

(a) in Table 8, the following new row is added below the row containing the text 'Module CH1':

| | |
|---|---|
| 'Module CV | Type validation by in-service experience (suitability for use)' |

(b) Table 9 is amended as follows:

'*Table 9*

**Modules to be applied for interoperability constituents**

| Point | Constituent | Modules | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | CA1 or CA2 | CB + CD | CB + CF | CH | CH1 | CV |
| 4.2.3.6.1 | Running gear | | X | X | | X | |
| | Running gear — established | X | | | X | | |
| 4.2.3.6.2 | Wheelset | X (*) | X | X | X (*) | X | |
| 4.2.3.6.3 | Wheel | X (*) | X | X | X (*) | X | |
| 4.2.3.6.4 | Axle | X (*) | X | X | X (*) | X | |
| 4.2.4.3.5 | Friction element for wheel tread brakes | X (*) | X | X | X (*) | X | X (**) |
| 5.3.5 | Rear-end signal | X | | | X | | |

(*) Modules CA1, CA2 or CH may be used only in the case of products placed on the market, and therefore developed, before the entry into force of this TSI, provided that the manufacturer demonstrates to the NoBo that design review and type examination were performed for previous applications under comparable conditions, and are in conformity with the requirements of this TSI; this demonstration shall be documented, and is considered as providing the same level of proof as module CB or design examination according to module CH1.

(**) Module CV shall be used in case the manufacturer of friction element for wheel tread brakes has no sufficient return of experience (according to its own judgment) for the proposed design'

(c) the following point 6.1.2.5 is inserted below point 6.1.2.4:

'6.1.2.5. Friction elements for wheel tread brakes

The demonstration of conformity of friction elements for wheel tread brakes shall be carried out by determining the following friction element properties in accordance with the European Railway Agency (ERA) technical document ERA/TD/2013-02/INT version 2.0 of XX.XX.2014 published on the ERA website (http://www.era.europa.eu):

— dynamic friction performance (chapter 4);

— static friction coefficient (chapter 5);

— mechanical characteristics including properties in respect to shear strength test and flexural strength test (chapter 6).

Demonstration of the following suitabilities shall be carried out in accordance with chapters 7 and/or 8 of the ERA technical document ERA/TD/2013-02/INT version 2.0 of XX.XX.2014 published on the ERA website (http://www.era.europa.eu), if the friction element is intended to be suitable for:

— train detection by systems based on track circuits; and/or

— severe environmental conditions.

If a manufacturer does not have sufficient return of experience (according with its own judgement) for the proposed design, the type validation by in-service experience procedure (module CV) shall be part of the assessment procedure for suitability for use. Before commencing in-service tests, a suitable module (CB or CH1) shall be used to certify the design of the interoperability constituent.

The in-service tests shall be organised on request from the manufacturer, who must obtain agreement from a railway undertaking that will contribute to such an assessment.

The suitability for train detection by systems based on track circuits for friction elements intended to be used in subsystems beyond the scope set out in chapter 7 of the ERA technical document ERA/TD/2013-02/INT version 2.0 of XX.XX.2014 published on the ERA website (http://www.era.europa.eu) may be demonstrated using the procedure for innovative solutions described in point 6.1.3.

The suitability for severe environmental conditions by a dynamometer test for friction elements intended to be used in subsystems beyond the scope set out in clause 8.2.1 of the ERA technical document ERA/TD/2013-02/INT version 2.0 of XX.XX.2014 published on the ERA website (http://www.era.europa.eu) may be demonstrated using the procedure for innovative solutions described in point 6.1.3.'

(d) point 6.1.3 is replaced by the following:

'6.1.3. *Innovative solutions*

If an innovative solution referred to in Article 10a is proposed for an interoperability constituent, the manufacturer or his authorised representative established within the Union shall apply the procedure set out in Article 10a.'

(e) in point 6.2.2.3, the third subparagraph is replaced by the following:

'As an alternative to performing on-track tests on two different rail inclinations, as set out in clause 5.4.4.4 in EN 14363:2005, tests may be carried out on only one rail inclination, if it is demonstrated that the tests cover the range of contact conditions as set out in section 1.1 of ERA technical document ERA/TD/2013/01/INT version 1.0 of 11.2.2013 published on the ERA website (http://www.era.europa.eu).'

(f) point 6.2.3 is replaced by the following:

'6.2.3. *Innovative solutions*

If an innovative solution referred to in Article 10a is proposed for the "rolling stock — freight wagons" subsystem, the applicant shall apply the procedure set out in Article 10a.'

(5) In chapter 7 'Implementation', point 7.1.2(j), the second sentence is deleted.

(6) In Appendix A, the last row of Table A.1 is deleted.

(7) Appendix C is amended as follows:

(a) in section 9, indent (l) is replaced by the following:

'(l) If the brake system requires a "friction element for wheel tread brakes" interoperability constituent, the interoperability constituent shall, in addition to the requirements of point 6.1.2.5, comply with UIC leaflet 541-4:2010. The manufacturer of the friction element for wheel tread brakes, or his authorised representative established within the Union, shall in that case obtain the UIC approval.'

(b) in section 14, the second subparagraph is replaced by the following:

'With regard to the use of wheel tread brake systems, this condition is deemed to be met if the "friction element for wheel tread brakes" interoperability constituent is, in addition to the requirements of point 6.1.2.5, compliant with UIC leaflet 541-4:2010, and if the wheel:

— is assessed in accordance with point 6.1.2.3; and

— fulfils the conditions of Section 15 of Appendix C.'

(8) Appendix D is amended as follows:

(a) the following rows are inserted below the row containing the text 'Parking brake | 4.2.4.3.2.2' in the cell in the 'Characteristics to be assessed' column:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 'Friction elements for wheel tread brakes | 4.2.4.3.5 | — | — |
| | 6.1.2.5 | ERA technical document ERA/TD/2013-02/INT version 2.0 of XX.XX.2014 | All' |

(b) the row containing the text 'EN 15551:2009+A1:2010' in the cell in the 'References to mandatory Standard' column is replaced by the following:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 'EN 15551:2009+A1:2010 | 6.2,<br>6.2.3.1' |

(c) the following row is inserted below the row containing the text 'UIC leaflet 542:2010' in the cell in the 'References to mandatory Standard' column:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 'UIC 541-4:2010 | all' |

(9) In Appendix E, section 1, the first subparagraph is replaced by the following:

'The colour of tail lamps shall be in accordance with clause 5.5.3 of EN 15153-1:2013.'

(10) In Appendix F, the following row is inserted below the row with text 'Wheel slide protection (WSP)' in the cell in the 'Element of the Rolling Stock sub-system' column:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 'Friction elements for wheel tread brakes | 4.2.4.3.5 | X | X | X | 6.1.2.5' |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/925

## tas-16 ta' Ġunju 2015

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 142,4 |
| | MK | 77,9 |
| | TR | 74,2 |
| | ZZ | 98,2 |
| 0707 00 05 | AL | 13,4 |
| | MK | 36,2 |
| | TR | 126,8 |
| | ZZ | 58,8 |
| 0709 93 10 | TR | 122,0 |
| | ZZ | 122,0 |
| 0805 50 10 | AR | 127,3 |
| | BO | 147,7 |
| | BR | 107,1 |
| | TR | 111,0 |
| | ZA | 147,8 |
| | ZZ | 128,2 |
| 0808 10 80 | AR | 167,0 |
| | BR | 99,4 |
| | CL | 126,0 |
| | NZ | 148,2 |
| | US | 180,2 |
| | ZA | 126,3 |
| | ZZ | 141,2 |
| 0809 10 00 | TR | 253,0 |
| | ZZ | 253,0 |
| 0809 29 00 | TR | 340,7 |
| | ZZ | 340,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/926

**tas-16 ta' Marzu 2015**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013–2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim"), ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.

(2) Il-partijiet beħsiebhom japprovaw il-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija l-ġdid (2013-2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata (il-"Pjan ta' Azzjoni") fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jirrifletti s-sħubija speċjali bejn iż-żewġ partijiet u għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim permezz tat-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri konkreti maħsuba biex jintlaħqu l-għanijiet li jistipula.

(3) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz tar-Rakkomandazzjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni hija bbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

ABBOZZ TA'

**RAKKOMANDAZZJONI Nru 2015/… TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TUNEŻIJA**

**ta' …**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013-2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TUNEŻIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim") jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa, għall-iskop li jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim.

(2) B'mod konformi mal-Artikolu 90 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim u għandhom jaraw li l-għanijiet stipulati fil-Ftehim jintlaħqu.

(3) Il-Partijiet approvaw it-test tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013-2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata (il-"Pjan ta' Azzjoni") fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

(4) Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim permezz tat-tfassil u l-adozzjoni, bi qbil bejn il-partijiet, ta' miżuri konkreti li jipprovdu gwida prattika għal din l-implimentazzjoni.

(5) Il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan, min-naħa li jippreżenta miżuri konkreti għat-twettiq, mill-partijiet, tal-obbligi li huma għandhom skont il-Ftehim u min-naħa oħra li jipprovdi qafas aktar wiesa' għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija, sabiex jintlaħaq livell għoli ta' integrazzjoni ekonomika u approfondiment tal-koperazzjoni politika, b'mod konformi mal-għanijiet ġenerali tal-Ftehim,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-partijiet jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni ([2]), sakemm din l-implimentazzjoni jkollha l-mira li jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*

([1]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.
([2]) Ara d-dokument st 15164/14 ADD 1, p. 5, fuq http://register.consilium.europa.eu.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/927**

**tad-9 ta' Ġunju 2015**

**dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) u li tħassar id-Deċiżjoni EUSEC/1/2012 (EUSEC/1/2015)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/565/PESK tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2010/565/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, b'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUSEC RD Congo, inklużi deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-8 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/883 ([2]) li testendi il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ("EUSEC RD Congo") sat-30 ta' Ġunju 2016.

(3) Fit-2 ta' Ottubru 2012, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUSEC/1/2012 ([3]) għall-ħatra tal-Kurunell Jean-Louis NURENBERG bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUSEC RD Congo.

(4) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") ppproponiet il-ħatra tal-Kurunell Johan DE LAERE bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUSEC RD Congo bħala s-sostitut tal-Kurunell Jean-Louis NURENBERG mill-1 ta' Lulju 2015 għal perijodu ta' sena,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kurunell Johan DE LAERE huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUSEC/1/2012 hija mhassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2015.

([1]) ĠU L 248, 22.9.2010, p. 59.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/883 tat-8 ta' Ġunju 2015 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/565/PESK dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) (ĠU L 143, 9.6.2015, p. 14).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUSEC/1/2012 tat-2 ta' Ottubru 2012 dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea għar- riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) (ĠU L 272, 6.10.2012, p. 19).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2015.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/928

## tal-15 ta' Ġunju 2015

## li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għal-Litwanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet ta' impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2013 ([2]), tat-8 ta' Lulju 2014 ([3]) u tat-18 ta' Novembru 2014 ([4]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-30 ta' Novembru 2016, bl-eċċezzjoni ta' ċerti membri.

(2) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BUSINESSEUROPE ippreżentat nomini għal żewġ postijiet li jridu jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-30 ta' Novembru 2016:

III. RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

| Pajjiż | Membru | Supplenti |
|---|---|---|
| Litwanja | Is-Sur Danukas ARLAUSKAS | Is-Sur Vaidotas LEVICKIS |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill ser jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Kaspars GERHARDS

([1]) ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (ĠU C 358, 7.12.2013, p. 5).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/462/UE tat-8 ta' Lulju 2014 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal- Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-Ungerija (ĠU L 209, 16.7.2014, p. 54).
([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2014 li taħtar membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għal Malta (ĠU C 420, 22.11.2014, p. 4).

## RETTIFIKA

**Rettifika tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 127 tad-29 ta' April 2014)*

F'paġna 19, il-punt (f) tal-Artikolu 10(1):

*minflok:* "(f) ikunu riprodotti skont il-format, it-tqassim tal-informazzjoni, id-disinn u l-proporzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3;",

*aqra:* "(f) ikunu riprodotti skont il-format, it-tqassim tal-informazzjoni, id-disinn u l-proporzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4;".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT